**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/3-2011(26_03_2011).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairperson.*
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Marzu 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi.
3. Dwal fix-Xlendi.
4. Proġett Eco-Gozo.
5. Proġett tal-Passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina / KNPD.
6. Bankina ta' Triq il-Kantra.
7. Għamara tat-toroq għax-Xlendi.
8. Rapport taċ-*Chairperson*.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-membri.
11. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/2-2011(26_02_2011).

**2.00 Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi.**

2.01 Il-Kumitat beda jikkonsidra żewġ kwotazzjonijiet sabiex isiru mixjiet bil-Gwida, waħda mingħand Nature Trust u l-oħra mingħand Malta Outdoor Ltd.
In-Nature Trust qed jikkwotaw Xlendi sa Dwejra €9 kull persuna u *booklet* inkluż filwaqt li Xlendi għal Mġarr ix-Xini bis-€7 kull persuna. Numru ta' persuni, l-anqas huwa ta' 20 u mhux aktar minn 30.
Il-Malta Outdoor Ltd. qed titlob €150 kull ħmistax-il persuna.
Għaldaqstant il-Kumitat għażel l-offerta ta' Nature Trust u l-ispiża nħadmet hekk:
Sibt, 23 t' April 2011 – mixja mix-Xlendi sad-Dwejra li ser tiswa €9 kull persuna.
Ħadd, 24 t' April 2011 – mixja mix-Xlendi sa Mġarr ix-Xini li ser tiswa €7 kull persuna.
*Extra fee* ta' €15 għax ikun l-*Easter*.
*Minibus* minn Mġarr ix-Xini sax-Xlendi tiswa €17 u *minibus* mid-Dwejra sax-Xlendi tiswa €15.

**3.00 Dwal fix-Xlendi.**

3.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li hu u s-Sindku kienu ltaqgħu mad-*Designer* is-Sur Carlos Schembri rigward disinn ta' għamara fix-Xlendi. Is-Sur Schembri ssuġġerrixxa li jibqgħu dawk istess fanali iżda jinbidel il-globu u jsir *lamp head* fuq stil antik. Bozza ser tintuża waħda li titfa' dawl 'l isfel. Il-Kumitat ser joħroġ kwotazzjonijiet għal dawn u jiġu ffinanzjati mill-fond UIF. Huwa qed jissuġġerixxi li l-bankijiet isiru tal-kulur kannella, *railing* isir minn materjal *corten steel* u l-*pots* isiru bil-qafas ta' ħadid galvanizzat u miksija bl-injam. Id-*dustbins* isiru bħal dawk li hemm preżentament.

**4.00 Proġett Eco-Gozo.**

4.01 Il-proġett li ġie propost mill-Kumitat lil Eco-Gozo ġie approvat u qed nistennew li jiġi ffirmat il-kuntratt. Sadanittant il-Perit Saliba ser jintalab jibda jipprepara l-*Bill of Quantities*.

**5.00 Proġett tal-Passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina / KNPD.**

5.01 Il-*Board* tal-KNPD kien ser jiddiskuti l-oġġezzjoni li saret mill-Kumitat peress li l-proġett propost ma jistax ikun aċċessibbli peress li l-passaġġ jinsab fuq sies.

**6.00 Bankina ta' Triq il-Kantra.**

6.01 Il-bankina ta' Triq il-Kantra, dik li qiegħda n-naħa tal-baħar ċediet u trid tinqala' u ssir mill-ġdid kif ukoll il-fanali li hemm maċ-ċint. Sakemm isir ix-xogħol ser jitpoġġew *flood lights* proviżorji. Dan ix-xogħol ser jiġi ffinanzjat mill-fond UIF u għaldaqstant il-Perit ser jintalab jagħmel spezzjoni tal-post.

**7.00 Għamara tat-toroq għax-Xlendi.**

7.01 Din il-materja diġa' ġiet diskussa f' *item* 3.

**8.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

8.01 Iċ-*Chairperson* ma kellux x' jirrapporta.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kumitat li bħalissa kienet għaddejja s-sejħa għall-offerti għall-Knis ta' Toroq fix-Xlendi. Din ser tagħlaq fis-6 t' April 2011 u l-Kumitat jista' jiltaqa' fid-9 t' April 2011 sabiex jagħżel lill-Kuntrattur sabiex ix-xogħol jinbeda fit-18 t' April 2011. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan il-Kuntratt jiġi ffinanzjat mill-fond għall-bżonnijiet speċjali li ser joħroġ f' din is-sena.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq il-Puniċi, Xlendi sabiex isir *double yellow line* faċċata tal-proprjeta' peress li jekk isir *parking* fil-faċċata ma jkunux jistgħu joħorġu u jdaħħlu l-vetturi fil-proprjeta' tagħhom. Is-Sindku kien diġa' kellem lir-Roads Department u ser isir mill-ħaddiema tagħhom.

**10.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

10.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kumitat li s-sistema tad-dawl fi Triq il-Kantra hija perikoluża ħafna u hemm bżonn li jsir xi ħaġa temporanja. Qed jissuġġerixxi li jitwaħħlu għoxrin kanna sabiex isiru *spotlights* magħhom. Dawn jintużaw sakemm isir ix-xogħol fuq il-bankina.

11.02 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-ħadid tal-*water culverts* ta' Triq San Xmun spiċċaw u jridu jinbidlu. Kien hemm qbil dwar dan.

11.03 Is-Sindku informa lill-Kumitat li xi xhur ilu kienet saret talba sabiex issir bankina fi Triq San Xmun u din baqgħet ma saritx peress li ried jiġi ċċarat mal-Perit kif ser issir teknikament. Preferibbilment din il-bankina trid issir qabel jibda s-Sajf.

11.04 Is-Sindku rrefera għall-proposta li kien ressaq is-Sur Mark Busuttil dwar *diving wreck* fix-Xlendi. Dwar din il-proposta hemm fondi ta' ERDF u għalhekk il-Kumitat għandu jkellem lill-MEUSAC dwar possibilta' li jinġiebu fondi mill-EU.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar is-Sibt, 30 t' April 2011, fid-9.00 ta' filgħodu.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***